MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 308/2004

Av. Dottor David Tonna bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Societe Nationale D'Exploitation Industrielle Des Tabacs et Allumettes (SEITA)
vs
Dr Beppe Fenech Adami u l-PL Victor Bugeja li b'digriet tat-22 ta' Gunju 2004 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` estera XXX9999 Eurl Ben-Ouarezague Adel Import & Export Cite Elmoustakbel, Khenchela (Algeria)

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha ppremetta:

Peress illi l-kumpannija attrici Societe Nationale D'Exploitation Industrielle Des Tabacs et Allumettes (SEITA) ta' 182/188, avenue de France, 75639 Paris Cedex 13, ta' Franza hija proprjetarja tal-marka tas-

sigaretti “GAULOISES” kif ukoll proprjetarja tas-sinjal distintiv li jinsab fuq l-istess pakketti tas-sigaretti skond kif jidher fuq id-Dokument “A”, id-Dokument “B u d-Dokument “C”.

Peress illi s-socjeta` attrici kienet detentrici tad-dritt ta’ proprjeta` industrjali tal-istess kelma “GAULOISES” u s-sinjali distintivi fil-komplessita` taghhom registrati f’Malta taht Trademark No. 12707, Trademark No. 20167 u Trademark No. 39105, fir-Registru tal-Marki, skond l-estratti originali mahruga mill-istess Registru tal-Marki (kif muri f’Dok “A”, f’Dok “B” u f’Dok “C”), ai termini tal-Artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Peress illi jirrizulta mill-Polza ta’ Kargu Numru USH 007553 li l-konsenjatarji tal-konsenja in kwistjoni huma XXX9999 Eurl Ben-Ouarezague Adel Import & Export Cite Elmoustakbel, Khenchela (Algeria), mentri d-dettalji tax-Shipper huma USH 0195 Guantong Trading Co. Ltd. (Cina).

Peress illi jirrizulta li l-konsenja in kwistjoni ddahhlet gewwa Malta fit-2 ta’ April 2004 fuq il-vapur M/V “CMA-CGM Neptune”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, fejn l-imsemmija konsenja ta’ sigaretti tikkonsisti fi tlett elef, sitt mija u erbgha (3,604) kaxxa maghrufa bhala master cases b’Containers Numri CLHU8503975, ecmu9020900 U ecmu9267000 bi ksur tal-projbizzjoni tal-Artiklu 4 tal-Kap. 414.

Peress illi dawn is-sigaretti in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici, skond l-Artiklu 2(1)(a)(i) u (iii), tal-Kap. 414, li favur taghha huma registrati l-marki u distintivi “Gauloises”, billi nstab illi dawn l-istess sigaretti huma prodotti falsifikati skond l-analizi li ghamlet is-socjeta` attrici (ara rapport ta’ analizi mmarkat bhala Dokument “D”).

Peress illi d-dhul gewwa Malta, importazzjoni temporanju u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’

oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta` intellettwali huwa projbit skond l-Artikolu 4 ta’ l-istess Kap.414 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Peress illi din il-konsenja ta’ sigaretti tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana fin-‘New Port Bonded Stores’, Marsa wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok “F”).

L-attur talab lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-sigaretti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur, huma falsifikati.

2. Tiddikjara li tali sigaretti falsifikati jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici fil-konfront tat-Trademarks registrati bin-Numri 12707, 20167 u 39105 tal-Marki “GAULOISES” u/jew s-sinjali distintivi li jifformaw parti mill-istess Trademarks.

3. Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta, l-importazzjoni temporanju u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja sigaretti falsifikati li tikkonsisti fi tlett elef, sitt mija u erbgha (3,604) master cases, tikkostitwixxi vjolazzjoni ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi s-sigaretti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta` konvenuta skond l-Artiklu 8 tal-Kap. 414.

5. Tordna kull rimedju iehor li tista’ skond it-termini ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront tas-socjeta` attrici.

6. Tordna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport u tal-hazna tas-sigaretti in kwistjoni kif ukoll l-ispejjez tal-garanzija bankarja mahruga mis-socjeta` attrici favur il-Kontrollur tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk l-ispejjez kollha tad-Dwana fir-rigward tal-hazna u distruzzjoni tas-sigaretti in kwistjoni, kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, lista tax-xhieda, u dokumenti prezentati mill-attur nomine.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati Dr. Beppe Fenech Adami u tal-P.L. Victor Bugeja li eccepew:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirrizervaw illi jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkunu edotti mill-fatti.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Xehed Dr. David Tonna u semma li kien gie inkarigat mis-Socjeta` Franciza Societe Nationale D'Exploitation Industrielle Des Tabacs et Allumettes ta' Franza, li hi l-proprjetarja tal-marka tas-sigaretti Gauloises u kienu gew avzati li kien ser ikollhom konsenja Malta, go container tas-sigaretti taghhom li kellhom suspett li mhumiex

genwini u huma kontrafatti. Qal li kienu ghamlu l-verifiki mad-Dwana u wara li ccekkjaw il-polza irrizulta li kien hemm konsenja ta’ socjeta` li kellha l-isem XXX9999 ta’ Eurl Ben-Ouarezague fl-Algerija. Qal li din il-konsenja telqet mic-Cina abbord il-vapur CMA-CGM Neptune u waslet Malta go container numru CLHU8503976, ECMU9020900 u ECMU9267000.

Semma li kien hemm konsenja ta’ 3,604 kaxxa maghrufa bhala master cases u kienu kollha tal-kwalita` tal-marka Gauloises u wara li gew moghtija prokura specjali, kienu baghtu notifika biex jiehdu xi samples waqt li talbu lid-Dwana biex tiddetjeni l-konsenja. Qal li wara li tawhom is-samples, baghtuhom permezz ta’ courier fi Franza lis-socjeta` proprjetarja ta’ dan il-markju biex jezaminaw il-genwinita` o meno taghhom. Wara li ezaminawhom irrizulta li ma kienux genwini imma kienu kontrafatti u ghalhekk is-socjeta` attrici talbithom jaghmlu l-proceduri li qeghdin jaghmlu f’din ic-citazzjoni. Qal li d-Dwana gew notifikati b’din ic-citazzjoni u kienu pprezentawlhom garanzija bankarja biex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez tad-detenzjoni ta’ dawn is-sigaretti.

Xehed George Agius Fizzjal id-Dwana fis-Sezzjoni tal-Infurzar, bi specjalizzazzjoni fl-affarijiet kontrafatti u qal li ghall-habta ta’ Marzu bidu ta’ April 2004, kienu rcevew informazzjoni kunfidenzjali li ser jaslu Malta b’forma ta’ transit, tlett containers sigaretti kontrafatti. Semma li l-containers fil-fatt waslu fuq il-vapur bl-isem Neptune 2 u kienu gejjin mic-China. Semma li kienu dikjarati bhala VCD Games, u meta scanjawhom irrizulta li l-ewwel parti tal-container kien mod waqt li l-kumplament tal-container kien jindika li hemm affarijiet differenti. Ghalhekk ittiehdet decizjoni li jinfethu u jigu ezaminati fizikament.

It-tlett containers kellhom it-tlett sigilli ghadhom intatti u meta fethuhom, l-ewwel zewg ringieli kienu fil-fatt VCD Games u l-kumplament kienu sigaretti. Fl-ewwel container kien hemm 8,620,000 sigarett Gauloises Blondes, fit-tieni container kien hemm 315,000 sigarett Gauloises Blondes u sigaretti Malboro Red b’total ta’ 9,330,000 sigarett. Fit-tielet container 9,085,000 sigarett

Gauloises Blondes b'total globali ta' 18,020,000 sigarett. Semma li ttiehdu xi kampjunarji tas-sigaretti fejn avvicinawhom ir-rapprezentanti legali tal-Gauloises u tal-Philip Morris li huma Mamo TCV bir-rapprezentanza ta' Dr. David Tonna u Dr. Antoine Camilleri. Semma li dawn inbaghtu barra, gew analizzati u pprezentawlhom certifikat li huma kontrafatti. Il-kontenut tat-tlett containers gew kollha maghdudin u mhottijin u prezentement qeghdin fl-istorage, fil-magazines taghhom.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Irrizulta li Dr. David Tonna kien jirrapprezenta lis-Socjeta` Franciza Societe Nationale D'Exploitation Industrielle Des Tabacs et Allumettes ta' Franza, li hi l-proprjetarja tal-marka tas-sigaretti Gauloises. Huma kienu gew avzati li f' Malta kien diehel container tas-sigaretti li kellhom suspett li huma kontrafatti. Ghamlu l-verifiki mad-Dwana u rrizulta li kien hemm konsenja tas-socjeta` XXX9999 ta' Eurl Ben-Ouarezague fl-Algerija, liema konsenja telqet mic-Cina abbord il-vapur CMA-CGM Neptune u waslet Malta go container numru CLHU8503976, ECMU9020900 u ECMU9267000. Il-konsenja kien fiha 3,604 master cases li kellhom il-marka Gauloises fuqhom. Intbaghtu s-samples fi Franza u wara li gew ezaminati rrizulta li kienu kontrafatti u nfurmaw lid-Dwana u pprezentawla garanzija bankarja biex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez tad-detenzjoni ta' dawn is-sigaretti. Dawn il-fatti gew konfermati minn George Agius Fizzjal id-Dwana fis-Sezzjoni tal-Infurzar bi specjalizazzjoni fl-affarijiet kontrafatti. A fol 63 u 64 tal-process tirrizulta dikjarazzjoni ta' Jean-Philippe Carriere li minnha jirrizulta li s-sigaretti "were not produced by, or with authorisation of SEITA" u ghar-ragunijiet hemmhekk indikati.

It-talba attrici ma giet b' ebda mod kontradetta.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi in vista tad-dikjarazzjoni maghmula minn Jean-Philippe Carriere u tal-ufficjal tad-Dwana George Agius u ta' Dr. David Tonna, il-Qorti tiddikjara li s-sigaretti in kwistjoni huma falsifikati.

Tiddikjara wkoll li tali sigaretti falsifikati jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici fil-konfront tat-Trademarks registrati bin-Numri 12707, 20167 u 39105 tal-marki “GAULOISES” u/jew s-sinjali distintivi li jifformaw parti mill-istess Trademarks.

Il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta, l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja sigaretti falsifikati li kienet tikkonsisti fi tlett elef sitt mija u erba’ (3604) master cases, ikkostitwiet vjolazzjoni ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghalhekk tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi s-sigaretti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil u ghas-spejjez tas-socjeta` konvenuta skond l-Artiklu 8 tal-Kap. 414 u dan fi zmien xahar mil-lum.

Dwar il-hames talba fejn intalab li “l-Qorti tordna kull rimedju iehor li tista’ skond it-termini ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront tas-socjeta` attrici”, fil-fatt l-attur nomine ma ghamel ebda talba specifika ghal dan ir-rigward u l-Qorti ma thossx opportun li timponi ebda rimedju iehor.

Tordna lis-socjeta` konvenuta biex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport u tal-hazna tas-sigaretti in kwistjoni kif ukoll l-ispejjez tal-garanzija bankarja mahruga mis-socjeta` attrici favur il-Kontrollur tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414.

Spejjez kontra s-socjeta` konvenuta b’ dan li provizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------